**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, il-25 ta' Frar 2025**

Każ Nru: 161/2021

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Andrew Agius)

**kontra**

**GIORGIO VASTA**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 475000L)

## IL-QORTI:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **GIORGIO VASTA,** ta' għoxrin (20) sena, bin Leonardo u Sharlene Cachia, imwieled il-Pieta' nhar l-10 ta' Diċembru 2000, residenti f'Freesia, Triq Atocia, Ħamrun, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 475000L, akkużat talli;

1. Nhar il-31 ta' Jannar 2021, f'xi ħin bejn is-sagħtejn ta' filgħaxija (14.00hrs) u l-erbgħa ta' filgħaxija (16.00hrs), f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenżja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenżja mill-

President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msmmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

Semgħet u rat ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ inkluż id-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datat il-11 t'Ottubru 2021, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat il-fedina penali tal-imputat[2];

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

**PC741 Keith Vassallo**[3] xehed li fil-31 ta' Jannar 2021 għall-ħabta tat-tlieta ta wara nofsinhar il-pulizija tal-għassa Birkirkara rċeviet telefonata anonima fejn ġiet infurmata li ġewwa l-istabbiliment tal-McDonalds kien hemm persuna li qed tgħid lil sħabha li kien ħa jmur jiġbed linja b'imnieħru. Ix-xhud mar ġewwa l-istabbiliment McDonalds f'Birkirkara flimkien ma PC32 u PC135. Hemmhekk huma ġew riferuti għal grupp ta' tlett ġuvintur li kienu fil-viċinanzi taz-zebra crossing faċċata tal-istess stabbiliment tal-Mc Donalds. Vassallo spjega li hekk kif huma bdew jersqu lejn dan il-grupp ta' tlett ġuvintur, PC135 ra lill-qua imputat joħroġ xi borża żgħira bi trab abjad mill-basket u jarmieha. B'hekk l-imputat ġie arrestat u mgħoti d-drittijiet tiegħu. Fix-xhieda tiegħu huwa jippreċiża li huwa kien l-aħħar wieħed li wasal fejn il-grupp ta' ġuvintur għax baqa' lura jitkellem mal-manager tal-McDonalds.

**L-ispettur Andrew Agius**[4] xehed li nhar il-31 ta' Jannar 2021 għall-ħabta tat-3.05pm il-pulizija tal-għassa Birkirkara rċeviet telefonata anonima li kien hemm persuna ta' struttura qawwija u liebsa flokk aħmar fil-viċinanzi tal-McDonalds li nstemgħa jgħid li ser imur jiġbed. Il-pulizija marret fuq il-post fejn identifikat persuna li kienet tixbah id-deskrizzjoni li ngħatat permezz tat-telefonata

[1] Fol. 5 tal-proċess.
[2] Fol. 3 tal-proċess
[3] Fol.14 tal-proċess
[4] Fol.20 tal-proċess.

anonima. Hekk kif il-pulizija bdiet tavviċina lil din il-persuna, li wara ġie identifikat bħala l-qua imputat Giorgio Vasta, huwa ġie osservat jarmi borża b'sustanza bajdanija. Għaldaqstant Vasta ġie arrestat u mgħoti d-drittijiet spettanti lilu bħala suspettat skond il-liġi. L-ispettur Agius jikkonferma bil-ġurament, li din is-sustanza ġiet elevata u mwiżżna fil-prezenza ta' Vasta. Il-piż tagħha kien ta' 1.159g. Din is-sustanza ġiet esebieta u mmarkata bħala Dok. AA. L-ispettur Agius spjega li sussegwentament huwa pproċeda billi ħa stqarrija lill-qua imputat[5] fil-prezenza ta' PC92 James Zammit[6]. F'din l-istqarrija Vasta kkonferma li t-trab abjad elevat mill-pulizija kien tiegħu u li l-istess trab kien sustanza kokaina u li din kienet intiża għall-użu tiegħu. F'udjenza oħra, l-ispettur Agius kien esebixxa sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea nhar it-12 ta' Ġunju 2020. Permezz ta' din is-sentenza l-qua imputat ġie kkundanat għall-piena ta' tminn xhur priġunerija u għall-ħamsin Ewro multa[7]. Il-Qorti tinnota li din is-sentenza ma ġiet iffirmata bħala vera kopja tal-oriġinal mid-Deputat Reġistratur. Madanakollu sussegwentament kienet ħadet il-pedana tax-xhieda rappreżentat tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali[8] li esebiet vera kopja (ffirmata) tal-imsemmija sentenza[9] filwaqt li kkonfermat li ma kien hemm appell minn din is-sentenza u li ma għadx hemm pendenzi ta' bilanċi dovuti.

**PC135 Clivert Bartolo**[10] xehed li fil-31 ta'Jannar 2021, il-pulizija tal-Għassa Birkirkara rċeviet telefonata anonima fejn ġiet infurmata li kien hemm persuna daqsxejn qawwija liebsa flok aħmar li beda jgħid li ser jiġbed linja. Spjega li a bażi ta' din l-informazzjoni huma ntbagħtu fl-area sabiex jiċċekjawha. Hemmhekk, preċiżament faċċata tal-McDonalds fuq it-taraġ, inżertaw persuna simili għad-deskrizzjoni mgħotija permezz ta' din it-telefonata anonima. Dan il-persuna ġie identifikat bħala l-qua imputat fl-awla. Bartolo xehed kif hu, flimkien ma PC32 u PC741 marru fuqu, waqqfuh u nfurmawh li ħa ssir tfittxija fuqu. Hekk kif intalab jagħti l-manbag li kellu fuqu lill-pulizija sabiex isir tfittxija fih, Bartolo nnota li Vasta kien ħareġ borża żgħira kontenenti trab abjad u ramieha warajh. Din il-borża żgħira ġiet miġbura u ġiet meħuda s-sezzjoni tad-drogi sabiex tintiżen. Il-piż tagħha kien ta' 1.959 grammi.

**PC32 Bernard Agius**[11] xehed dwar kif fil-31 ta' Jannar 2021 għall-ħabta tat-3.05pm rċevew telefonata anonima fejn ġew infurmati li ġewwa l-McDonalds

---

[5] Dok. AA1, fol. 22 tal-proċess.
[6] Zammit xehed dwar il-volontarjeta' tal-istqarrija a fol. 31 tal-proċess.
[7] Dok. AA, fol. 49 tal-proċess.
[8] Fol. 51 tal-proċess.
[9] Fol. 54 tal-proċess.
[10] Fol. 26 tal-proċess. Huwa esebixxa l-okkorenza, dok. CB, fol. 28 tal-proċess.
[11] Fol. 36 tal-proċess.

kien hemm persuna daqsxejn qawwija libsa flok aħmar li nstemgħet tgħid li kienet ser tiġbed linja. Agius spjega li hekk kif il-pulizija marru fuq il-post raw persuna li tixbah id-deskrizzjoni li huma ngħataw faċċata tal-McDonalds ħdejn it-traffic lights. Wara dan il-persuna ġie identifikat bħala l-qua imputat – Giorgio Vasta. Agius ikompli jixhed li hekk kif Vasta ra lill-pulizija ġie nnotat minnu u minn PC135 jarmi pakkett kontenenti trab abjad. Huwa ġie mistoqsi għalfejn ramieh u skond Agius, Vasta qallhom li mhux tiegħu. Agius jispjega kif Vasta kellu fuqu *manbag* li ġo fih sabu żewġ straws maqtugħin zgħar kif ukoll pakkett libretti. Vasta ġie arrestat u mgħoti d-drittijiet tiegħu. Sussegwentament il-pakkett b'sustanza bajda elevata ttieħed ġewwa l-iskwadra ta' kontra d-droga sabiex jintiżen fejn ġie determinat li l-piż kien ta' 1.959grammi.

**PS3 Kevin Grima**[12] xehed li fil-31 ta' Jannar 2021 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija huwa kien ingħata struzzjonijiet mill-ispettur Agius sabiex jesegwixxi mandat ta' tfittxija fil-konfront tal-qua imputat. Għaldaqstant huwa mar fir-residenza tal-qua imputat ġewwa Frezia, Triq Atorċja, Ħamrun, flimkien ma PC748 u PC383. Hemmhekk saret tfittxija fil-prezenza tal-imputat għal sustanzi illeċiti li rriżultat fin-negattiv.

**PS902 Carol Spiteri**[13] xehdet li nhar il-31 ta' Jannar 2021 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar kienet daħlet telefonata ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara fejn hi kienet ġiet infurmata li kien hemm persuna libes flokk aħmar u li fih tifel li instema jgħid li kien sejjer jiġbed linja. A bażi ta' din l-informazzjoni s-Surġent Spiteri kkonfermat li hija bagħtet lil PC32; PC741 u PC135 sabiex imorru fl-inħawi bil-għan li jiċċekkjaw din l-informazzjoni. Spiteri tkompli tixhed li sussegwentament Vasta ġie arrestat u meħud l-għassa. Tikkonferma li ġewwa l-manbag tiegħu nstabu żewġ straws u pakkett libretti mit-twal. Dawn l-oġġetti ġew issiġilati ġewwa evidence bag iffirmata mix-xhud u mill-qua imputat. In kontro-eżami, ix-xhud ġiet mistoqsija x'għamlet sabiex tassigura li Vasta kien qed jifhem id-drittijiet li huwa kien qed jiġi mgħoti waqt l-arrest fejn ikkonfermat li hija saqsietu jekk jifhimx bil-Malti u jekk jafx jaqra.

In difesa, ġew prodotti Dr. Anthony Dimech, Dr. Chantal Avellino u Rona Agius Custo'. Dr. Chantal Avellino[14] xehdet bil-ġurament li hija kienet isegwi lill-qua imputat meta kienet taħdem bħala psikologa mad-Dipartiment tal-Probation u Parole. Hija bdiet issegwieh f'Settembru tas-sena 2017 sa' Ottubru 2021 u dan war ali ġie riferut għandha mill-probation officer li kienet qed isegwieh -

[12] Fol. 39 tal-proċess.
[13] Fol. 42 tal-proċess, hija esebiet l-Okkorenza bħala Dok. CS a fol. 45 tal-proċess.
[14] Fol. 59 tal-proċess.

Rona Custo. Hija tispjega li bdiet isegwieh in konnessjoni ma problemi ta' self esteem madanakollu fi ftit żmien indunaw li l-problemi kienu qed jikbru tant li huwa ġie riferut l-isptar Mount Carmel għax kien qed ikun psychotic. Jidher li din il-problema ġiet triggered minn problema t'abbuż ta' droga. Kien hemm ukoll preżenti kundizzjonijiet ta' saħħa mentali. Skond ix-xhud jidher li l-imputat jistgħa potenzjalment ibati minn *bipolar disorder*. Hija emfasizat l-importanza li l-imputat ikun segwiet minn psikjatra u jieħu l-mediċina preskritta lilu. Dr. Avellino tispjega ukoll li fl-aħħar tas-sena 2020 u fil-bidu tas-sena 2021 hija rat progress sostanzjali fl-imputat madanakollu xorta kien hemm diffikultajiet konjittivi b'tali mod li kien jirriskontra diffikultajiet fil-proċess ta' *decision making*. Fil-fatt hija spjegat li f'dan iż-żmien kien jgħidkummenti assurdi għaliex f'dawk il-mumenti kien psychotic. Mistoqsija jekk l-imputat jistgħax jiġi kkunsidrat bħala persuna vulnerabbli waqt it-teħid tal-istqarrija, x-xhud wieġbet is-segwenti:

> *"Ma nimmaġinax illi hu f'dak il-perjodu, kellu bżonn żgur għajnuna ma nafx jekk kellux l-abilita' konjittivia biex ikun konxju tar-riperkuzzjonijiet ta' deċiżjonijiet li fori seta ħa dak iż-żmien."*

Ix-xhud ikkonfermat ukoll li man-notamenti tagħha skond liema jirriżultalha li fid-29 ta' Jannar 2021 l-imputat setgħa possibilment kien taħt l-influwenza ta' sustanzi possibilment cannabis.

Min-naħa tagħha Rona Agius Custo'[15] spjegat li hija segwiet lill-imputat minn Lulju 2017 sa Lulju 2020 u li preżentament qed isegwieh minħabba ordni ta' probation. Fil-bidu l-problema prinċipali kienet l-użu tad-droga sintetika madanakollu din waslet għal numru ta' problemi relatati mas-saħħa mentali. Fil-fatt hija spjegat li l-imputat għamel xi żmien l-isptar Mount Carmel. Custo xehdet kien Vasta ħareġ mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin f'Novembru tas-sena 2021 fejn sussegwentament baqa' jiġi segwiet mill-Aġenżija Sedqa kif ukoll mill-psikjatra Dr. Dimech. Jidher li Vasta għamel perjodu juża mis-sustanza cannabis. F'Ġunju tas-sena 2021 huwa sab impjieg li tah sens ta' struttura u element ta' stabilita' f'ħajtu.

Dr. Anthony Dimech spjega bil-ġurament li huwa qed isegwi lill-imputat bħala konsulent psikjatra. Spjega kif l-imputat minn eta' żgħira presenta sintomi ta' psikosi fil-kuntest t'użu ta' kannabioins sintetiċi. Kien hemm istanzi fejn is-sitwazzjoni tant aggravat li kien hemm il-ħtieġa li jidħol l-isptar Mount Carmel għal kura. Dan l-aħħar jidher li s-sitwazzjoni tbidlet għax daħal fid-dinja tax-xogħol u r-relazzjoni tiegħu mal-familja tiegħu tjiebet.

---

[15] Fol. 62 tal-proċess.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni Vasta ġie akkużat bil-pussess sempliċi tas-sustanza kokaina. Skond ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni jirriżulta li fil-31 ta' Jannar 2021 għal ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, tlett uffiċjali tal-pulizija rrikorrew fl-inħawi tal-McDonalds Birkirkara sabiex jiċċekjaw l-area u dan wara li rċevew rapport anonimu.

Għalkemm l-uffiċjali tal-pulizija xehdu dwar il-kontenut tar-rapport anonimu dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma għandu l-ebda valur probatorju fuq il-mertu ta' din l-ewwel imputazzjoni ġaladarba ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament minn min effettivament sema' dak id-diskors. Fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas jistgħa jingħad li dan id-diskors intqal b'referenza għal qua imputat ġaladarba l-imputat definittivament ma huwiex uniku fl-istatura tiegħu u lanqas ma huwa l-uniku persuna li setgħet kienet libsa flok aħmar dakinhar.

Jibqa' l-fatt li meta l-pulizija avviċinaw lill-qua imputat u talbuh jagħmlu tfittxija fil-*manbag* tiegħu huwa ġie osservat jarmi pakkett kontenenti sustanza bajdanija[16]. Hekk kif ingħad iktar qabel f'din is-sentenza, din is-sustanza ġiet elevata u esebieta fl-atti proċesswali odjerni mill-ispettur Andrew Agius bħala Dok. AA. Madanakollu mill-atti proċesswali jirriżulta li l-prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx għall-aqwa prova li setgħet tressaq u ċioe' għall-ħatra t'espert sabiex tanalizza din is-sustanza bil-għan li jiġi determinat jekk din is-sustanza hijiex is-sustanza kokaina jew xort'oħra.

Fin-nuqqas ta' din il-prova determinanti min-naħa tal-prosekuzzjoni, l-unika prova rimanenti li tista' b'xi mod titfa dawl fuq jekk din is-sustanza kinitx kokaina jew sustanza oħra hija l-istqarrija tal-imputat.

> *"M: Xi għidli fuq is-sustanza li l-pulizija rawk toħroġ minn ġol-basket tiegħek u tarmi ma' l-art, liema sustanza ġiet elevata?*
>
> *T: Qisha coke naħseb. Naf għax jien doqta. Mix il-coke propja. Mhix il-pura għax kieku ma kienx itijieli bxej.*
>
> *...*
>
> *M: Kemm ilek tagħmel użu minnha?*
>
> *T: Il-bieraħ ngħidlek il-verita' kienet l-ewwel darba. Ħadtha għax tajieli bxejn.*
>
> *M: Jekk il-bieraħ kienet l-ewwel darba li ħadt kif indunajt li mhix pura x'ħin doqta?*

[16] Ara x-xhieda ta' PC32 Agius; PC135 Bartolo u PC761 Vassallo.

*T: Darba doqt waħda. Minn Paceville imma. Għalhekk kont naf. Ilu xi sena.*

*M: U bqajt tiftakar it-tgħoma wara sena?*

*T:Mela. Dik ma tinsijiex it-togħma tagħha."*[17]

Din il-Qorti ma hijiex ser tidħol f'analizi ta' jekk dak mistqarr mill-imputat fl-istqarrija tiegħu għandux mis-sewwa jew le iżda ħa tieħu dak iddikjarat minnu bħala stat ta' fatt ġaladarba l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova oħra li b'xi mod tikkontradixxi dak li qal l-imputat fl-istqarrija. Issa mill-istqarrija jirriżulta ċar li fl-ewwel lok l-imputat ma jidhirx ċert is-sustanza x'kienet. Juża kliem bħal '*qisha kokaina*' u '*mhix il-coke propja*'. Jgħid ukoll li din is-sustanza għaddiet għandu 'bxejn'. B'hekk, skond l-istess stqarrija, dan qajjem dubbju f'moħħ l-imputat dwar jekk is-sustanza kinitx verament is-sustanza kokaina jew xort'oħra. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi mill-istqarrija, li l-prosekuzzjoni għażlet li tistrieħ pjenament fuqha, fejn l-imputat jagħmilha ċara li huwa ma huwiex ċert jekk is-sustanza misjuba kinitx kokaina, din il-Qorti ma tista' qatt tasal għall-konkluzzjoni li dik is-sustanza hija kokaina sal-grad rikjest mil-liġi u ċioe' sa grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Konsegwentament l-imputat ma jistgħa qatt jinsab ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrieh.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bl-addebitu tar-reċidiva. Sabiex dan l-addebitu jirriżulta pruvat huwa neċessarju li fl-ewwel lok l-imputat jinsab ħati ta' reat permezz tal-proċeduri odjerni. B'hekk fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula b'referenza għall-ewwel imputazzjoni, l-imputat ser jiġi lliberat mill-addebitu tar-reċidiva ukoll.

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti qed issib lill-qua imputat, Giorgio Vasta, mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

___________________________

**Maġistrat Dr. Elaine Rizzo**

___________________________

Christine Farrugia
**Deputat Reġistratur**

[17] Fol. 23 tal-proċess.